

32004D0016

L 5/78

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.1.2004

ID-DEĊIJONI TAL-KUNSILL**tat-22 ta' Diċembru 2003**

dwar it-tnaqqis fil-valur (downgrading) ta' l-Anness 5 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14b korrispondenti mal-Manwal Komuni u dwar id-deklassifikar ta' l-Annessi 9 u 10 ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Annessi 6b u 6c korrispondenti mal-Manwal Komuni

(2004/16/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabBilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artiklu 207 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond id-Deċiżjonijiet tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 1993 (SCH/Com-ex (93)22 rev) u tat-23 ta' Ġunju 1998 (SCH/Com-ex (98)17), il-Kumitat Eżekuttiv stabbilit bil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985, ikklassifikasi bħala "Kunfidenzali" l-Annessi 5, 9 u 10 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Annessi kollha tal-Manwal Komuni (¹), li versjoni ġidda tagħhom kienet adottata bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv imsemmi fit-28 ta' April 1999 (SCH/Com-ex (99)13).
- (2) L-Istituzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Manwal Komuni u d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv dwar il-klassifikazzjoni tagħhom jagħmlu parti ta' l-acquis ta' Schengen kif iddefinit mill-Kunsill bid-Deċiżjoni 1999/435/KE tiegħu (²).
- (3) Il-Parti I u diversi l-Annessi mal-Manwal Komuni kienu deklassifikati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/751/KE (³) u l-Parti II mal-Manwal Komuni kienet iddekklassifikata skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/353/KE (⁴).
- (4) L-Anness 5 ta' l-Istituzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14b korrispondenti mal-Manwal Komuni għandhom jitnaqqsilhom il-valur (downgraded) u l-Anness 9 u 10 ma' l-Istituzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Annessi 6b u 6c korrispondenti mal-Manwal Komuni għandhom ikunu ddekklassifikati.
- (5) Huwa xieraq li jkunu revokati id-Deċiżjonijiet (SCH/Com-ex (93)22 rev) u (SCH/Com-ex (98)17) tal-Kumitat Eżekuttiv, u li jittieħdu deċiżjonijiet futuri dwar il-klassifikazzjoni ta' dokumenti li jikkostitwixxu parti mill-acquis ta' Schengen skond ir-regoli dwar il-klassifikazzjoni ta' dokumenti miġjuba fid-Deċiżjoni tal-Kunsill

2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti ta' sigurta tal-Kunsill (⁵),

IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

Artikolu 1

L-Anness 5 ma' l-Istituzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14b korrispondenti mal-Manwal Komuni għandhom jitniżżlu fil-valur għal "RESTREINT EU" u l-Annessi 9 u 10 ma' l-Istituzzjonijiet Konsulari Komuni, kif ukoll l-Annessi 6b u 6c korrispondenti mal-Manwal Komuni, għandhom ikunu deklassifikati.

Artikolu 2

L-Annessi 9 u 10 ta' l-Istituzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Annessi 6b u 6c korrispondenti mal-Manwal Komuni għandhom ikunu ppubblifikati fil-Ġurnal Ufficijali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen ta' l-14 ta' Diċembru 1993 (SCH/Com-ex (93)22 rev) u t-23 ta' Ġunju 1998 (SCH/Com-ex (98)17) huma revokati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-pubblikkazzjoni tagħha fil-Ġurnal Ufficijali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. MATTEOLI

(¹) ĠU C 313, tas-16.12.2002, p. 97. Il-Manwal Komuni kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 99, tas-17.4.2003, p. 8).

(²) ĠU L 176, 10.07.99, p. 1.

(³) ĠU L 303, 02.12.00, p. 29.

(⁴) ĠU L 123, 09.05.02, p. 49.

(⁵) ĠU L 101, 11.04.01, p. 1.